

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Mineralquelle Zurzach AG

Konvenut: Hauptzollamt Singen

**Dispożittiv**

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005, tas-27 ta' Ottubru 2005, għandha tiġi interpretata fis-sens li xarba, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkonsisti b'mod partikolari minn ilma, zokkor, meraq konċentrat ta' larinġ, lumi, għeneb, ananas, mandolin, nuċiprisk, frott tal-passjoni, polpa tal-berquq, polpa gwaw, acċidifikant, minn taħlita ta' vitamini, ta' aromi naturali u artifiċjali u li għandha kontenut ta' meraq tal-frott li jammonta għal 12 %, tidħol fis-subitestatura 2202 10 00 ta' din in-nomenklatura.

(<sup>1</sup>) ĠU C 194, 24.06.2014.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-15 ta' Ottubru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte dei Conti – Sezione Giurisdizionale Per la Regione Puglia – l-Italja) – Vittoria De Bellis, Diana Perrone, Cesaria Antonia Villani vs Istituto Nazionale di Previdenza dei Dipendenti dell'Amministrazione Pubblica (INPDAP)**

(Kawża C-246/14) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal tnaqqis ta' drittijiet għall-pensjoni b'effett retroattiv — Sitwazzjoni purament interna — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)**

(2015/C 016/19)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte dei Conti – Sezione Giurisdizionale Per la Regione Puglia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Vittoria De Bellis, Diana Perrone, Cesaria Antonia Villani

Konvenut: Istituto Nazionale di Previdenza dei Dipendenti dell'Amministrazione Pubblica (INPDAP)

**Dispożittiv**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Corte dei conti, sezione giurisdizionale per la Regione Puglia (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' April 2014 (Kawża C-246/14).**

(<sup>1</sup>) ĠU C 245, 28.07.2014.